**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 26 ta' Gunju, 2017**

**Rikors Guramentat Nru: 332/2013 AF**

**West End Limited (C-52101)**

**vs**

**Philip Pace and Sons Limited (C-13308)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tas-soċjetà attriċi li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Nhar l-20 ta' Marzu 2012, is-socjetà esponenti xtrat minghand is-socjetà intimata zewgt ifran tal-pizza flimkien mal-accessorji relattivi u senjatament is-segwenti: *1 Italforni TSB Tunnel Stone Oven cooking on refractory plates with Stainless steel stand on wheels Delivered & Installed, 20 Refractory plates for TSB Tunnel Stone Oven, 1 Italforni TSA Tunnel Stone Oven Cooking on refractory plates with Stainless Steel stand on wheels Delivered & Installed, u 20 Refractory plates for TAS Tunnel Stone Oven*, u dan kif jidher mill-kuntratt relattiv (kopja annessa u mmarkata WEL1).

Is-suddetti fran u accessorji inxtraw sabiex jintuzaw fir-restaurant bl-isem "West End" li s-socjetà esponenti kien behsiebha tiftah fl-Imsida fl-10 ta' Ottubru 2012.

Wara li nfetah ir-restaurant, irrizulta li dawn il-fran huma kolpiti b'difetti latenti li jrenduhom mhux tajba ghall-uzu li ghalihom huma mahsuba u senjatament huma ferm inkonsistenti fit-tisjir taghhom u ma jsajrux tajjeb u dan kif ser jigi ampjament dimostrat waqt is-smiegh tal-kawza.

Malli nkixfu dawn id-difetti latenti, s-socjetà esponenti infurmat b'dan lis-socjetà intimata u talbitha tirrimedja.

Fi Frar li ghadda, l-esponenti gabet pizzar internazzjonali li huwa espert fil-qasam tieghu u li kkonferma li l-fran huma kolpiti minn difetti latenti.

Is-socjetà attrici hallset l-ammont ta' tlettax-il elf Ewro (€13,000) akkont tal-prezz tal-fran u tal-accessorji relattivi: difatti hija hallset is-somma ta' tmint elef Ewro mal-iffirmar tal-kuntratt u somma ohra ta' hamest elef Ewro (€5000) nhar it-28 ta' Settembru 2012 (vide kopja tal-istruzzjonijiet bankarji sabiex isir il-hlas, nhar it-28 ta' Settembru 2012 – Dok. WEL2; u l-ircevuta relattiva datata 8 ta' Novembru 2012 – Dok. WEL3).

Certament li kieku s-socjetà attrici kienet taf li l-fran kienu difettuzi hija ma kienitx ser tixtrilhom.

Is-socjetà intimata irrepetiet diversi drabi li d-ditta tal-fran u l-accessorji, ossija Italforni hija wahda mill-aqwa ditet tal-fran u ghalhekk is-socjetà esponenti ma setghet qatt legittimament tissuspetta jew tipprevedi li dawn il-fran ma kienux ser ikunu kapaci isajjru tajjeb.

Is-socjetà esponenti interpellat diversi drabi lis-socjetà intimata, anke permezz ta' ittra legali datata 26 ta' Marzu 2013 (kopja annessa u mmarkata Dok. WEL4) sabiex tersaq ghar-rexxissjoni tal-bejgh *de quo*, ghar-rifuzjoni tal-ammont gja mhallas akkont u kif ukoll sabiex jiehdu l-fran lura, izda s-

socjetà intimata baqghet inadempjenti, anzi baqghet tinsisti li s-socjetà esponenti m'ghandhiex ragun.

Is-socjetà esponenti ma kellhiex ghazla ohra ghajr li tiddepozita l-fran u l-accessorji *de quo* taht l-awtorità ta' dina l-Onorabbli Qorti (vide kopja legali tac-cedola ta' depozitu *de quo* annessa u mmarkata Dok. WEL5).

Is-socjetà esponenti kellha tixtri fran godda, minflok dawk mixtrija is-socjetà intimata, sabiex tkun tista' topera regolarment minn gewwa l-istabbilment taghha gewwa l-Imsida.

Ghaldaqstant kellha ssir din il-kawza.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tistabilixxi u tiddikjara, okkorrendo permezz ta' periti nominandi, li fid-data tal-bejgh iz-zewgt ifran u l-accessorji de quo, u senjatament "*1 Italforni TSB Tunnel Stone Oven cooking on refractory plates with Stainless steel stand on wheels Delivered & Installed, 20 Refractory plates for TSB Tunnel Stone Oven, 1 Italforni TSA Tunnel Stone Oven Cooking on refractory plates with Stainless Steel stand on wheels Delivered & Installed, u 20 Refractory plates for TAS Tunnel Stone Oven*" kellhom difett li ma jidhirx li jaghmilhom mhux tajba ghall-uzu li ghalih huma mahsuba jew li jnaqqas daqshekk il-valur taghhom illi s-socjetà attrici ma kienitx tixtrilhom jew kienet toffri prezz izghar li kieku kienet taf bihom.

2. Tikkundanna lis-socjetà konvenuta sabiex tirrifondi lis-socjetà attrici s-somma ta' tlettax-il elf Ewro (€13,000) ossija s-somma imhallsa mis-socjetà attrici akkont tal-prezz tal-imsemmija fran u accessorji.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata ta' dan ir-rikors guramentat sad-data tal-effettiv pagament, kontra s-socjetà konvenuta li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni taghha.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ġuramentata tas-soċjetà konvenuta li permezz tagħha eċċepiet illi:

Kuntrarjament ghal dak allegat mis-socjetà attrici l-fatt tal-kaz *de quo* huma ben diversi u dan kif ser jigi ppruvat ampjament fil-kors tal-kawza.

Anthony Briffa f'isem is-socjetà attrici ghamel kuntatt mas-socjetà intimata fil-bidu tat-2012 u dan peress li kellu hsieb jiftah restaurant u pizzerija u kellu bzonn jixtri fran tal-pizza.

Anthony Pace, f'isem is-socjetà intimata wara li fehem x'tip ta' fran kellu bzonn il-klijent, hadu personalment biex jara fran simili jahdmu f'zewg postijiet ohra gewwa Malta u dan peress li s-socjetà intimata kienet digà nstallat dawn il-fran diversi drabi b'success.

Dawn il-fran huma kunsidrati fil-qasam taghhom bhala l-aqwa ta' dan it-tip.

L-istess Anthony Briffa kellu diversi laqghat wahdu mas-sidien ta' dawn il-fran gewwa Hal Qormi u Marsascala, ipprova personalment il-pizza mahduma u msajra u kien biss wara dawn il-provi li hu ghamel l-ordni tieghu lis-socjetà intimata hekk kif jirrizulta mis-sales contract ipprezentat mis-socjetà attrici Dok. WEL1.

Il-fran gew installati skond is-sengha u l-arti mis-socjetà intimata u dawn il-fran ma kellhom u ma ghandhom l-ebda difett latenti kif qed jigi allegat mis-socjetà attrici, izda l-kwistjoni kollha ddur man-nuqqas ta' esperjenza tas-socjetà attrici fil-gestjoni tal-pizzerija kif ukoll man-nuqqas ta' esperjenza tal-istaff ingaggat.

Kif qalet tajjeb is-socjetà attrici, talbet lis-socjetà intimata li jingab pizzar internazzjonali espert fil-qasam tieghu li ma kien hadd hlief espert konsulent teknologu mibghut mis-socjetà Taljana *Italforni* li timmanifattura dawn l-istess fran.

Mill-investigazzjoni li ghamel l-espert konsulent teknologu, irrizulta li mhux biss kien qed isir uzu hazin tal-fran innifishom minhabba nuqqas ta' esperjenza mill-haddiema li gew impjegati fil-pizzerija izda wkoll kienu qeghdin juzaw ricetti inadegwati ghall-manifattura tal-pizza.

Dan l-espert teknologu ipprepara rapport dettaljat fuq dak li sab kif ukoll ghamel numru ta' rakkomondazzjonijiet lis-socjetà attrici fuq l-uzu korrett tal-fran, liema rapport qed jigi anness u mmarkat PP1.

Dan ir-rapport jelenka lista shiha ta' problemi li ltaqa' maghhom l-espert teknologu, mhux biss ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-uzu tal-fran izda sahansitra kif issir il-pizza, tant li wara li rrealizza li l-istaff li kellu quddiemu ma kellux ideja ta' kif ghandha tinhadem il-pizza, l-ingredjenti li ghandhom jintuzaw, kwalità ta' dqiq u hmira, metodi fost ohrajn.

Fir-rigward tal-uzu tal-fran, l-istaff ta' socjetà attrici ma kellhomx ideja tat-temperaturi li kellhom jintuzaw biex issir il-pizza, u tal-mod kif ghandha titpogga l-pizza fil-forn biex issir sew, fatti li ra b'ghajnejh stess l-espert teknologu waqt l-ispezzjonijiet li ghamel fil-pizzerija tas-socjetà attrici.

Anthony Briffa waqt dawn il-laqghat mal-espert teknologu fil-presenza ta' Anthony Pace wkoll, fehem dan kollu u talab struzzjonijiet dettaljati biex jigi spjegat lilu u lill-haddiema tieghu fil-pizzerija fejn kienu qed jizbaljaw u x'rimedji kellhom jittiehdu biex il-fran jintuzaw sew.

Ghas-sahha tal-argument li kieku gie konfermat li dawn il-fran kellhom xi tip ta' difett, is-socjetà intimata ma kien ikollha l-ebda problema li addirittura tibdel dawn il-fran peress li dawn kienu ghadhom taht garanzija.

Il-verita hija li Anthony Briffa fehem li dawn il-fran b'teknologija gholja ma jghoddux ghalih u ghall-istaff inespert li ghandu u wara li gie spjegat lilu x'kien qed isir hazin, minflok irrimedja, xehet il-htija fuq difett latent fuq iz-zewg (2) fran li kien akkwista biex jehles mnnhom.

Is-socjetà intimata interpellat lis-socjetà attrici ghall-hlas tal-bilanc dovut kif jirrizulta mid-dokument PP2, izda din baqghet inadempjenti u minflok iddepozitat l-fran u l-accessorji taht l-awtorità tal-Qorti u fethet din il-kawza.

Issa dawn il-fran gew trasferiti go garaxx ta' terzi minghajr is-supervizjoni tas-socjetà intimata u ghalhekk setghet saritilhom hsara waqt il-garr kif ukoll matul l-immagazzinar, ta' liema s-socjetà intimata ma ghandhiex tinzamm responsabbli.

Kontestwalment ma din ir-risposta qed tigi intavolata kontro-talba ghall-hlas tal-bilanc dovut mis-socjetà attrici.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ghaldaqstant is-socjetà intimata titlob lil di l-Onorabbli Qorti sabiex tichad it-talbiet attrici in toto bl-ispejjez kollha kontra l-istess socjetà attrici.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat il-kontrotalba tas-soċjeta konvenuta li taqra hekk:

Is-socjetà attrici hija debitrici tas-socjetà intimata fis-somma ta' tlettax-il elf mitejn hamsa u sebghin Ewro u sitt centezmi (€13,275.06) rapprezentanti bilanc minn somma akbar prezz ta' zewgt'ifran tal-pizza flimkien mal-accessorji taghhom, mbjugha, ikkonsenjati u nstallati mis-socjetà intimata lis-socjetà attrici hekk kif jirrizulta mill-kuntratt relattiv datat 20 ta' Marzu 2012 u mmarkat PP3.

Is-socjetà attrici nonostante li giet interpellata diversi drabi sabiex thallas qed tirrifjuta minghajr raguni valida (Dok. PP4).

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tikkundanna lis-socjetà attrici thallas lis-socjetà intimata s-somma fuq imsemmija ta' tlettax-il elf mitejn hamsa u sebghin Ewro u sitt centezmi (€13,275.06).

Bl-imghaxijiet kummercjali mill-ahhar ta' Frar 2013 sad-data tal-effettiv pagament u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja.

Rat ir-risposta ġuramentata tas-soċjetà attriċi għat-talbiet rikonvenzjonali tas-soċjeta konvenuta li permezz tagħha eċċepiet illi:

Il-kontrotalba imressqa fil-konfront tas-socjetà esponenti ghandha tigi michuda bl-ispejjez u dana stante illi kif digà ampjament spjegat fir-rikors guramentat promotur, il-fran u l-accessorji *de quo* kienu affetti minn difetti latenti li jirrendihom mhux tajba ghall-uzu intenzjoant jew li jnaqqas drastikament il-valur taghhom u ghalhekk hemm lok li l-bejgh *de quo* jigi rexiss.

Ghaldaqstant hija s-socjetà konvenuta li ghandha tirrifondi l-pagament akkont gja imhallas mis-socjetà attrici.

Bl-ispejjez kontra s-socjetà konvenuta rinkovenzjonati.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat il-verbali tas-seduti miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju.

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi l-azzjoni attriċi hija dik magħrufa bħala l-*actio redhibitoria* stabbilita permezz tal-artikoli 1424 sa 1427 tal-Kodiċi Ċivili. L-artikolu 1424 jipprovdi li l-bejjiegħ hu obbligat li jagħmel tajjeb għad-difetti li ma jidhrux fil-ħaġa mibjugħa u li jagħmluha mhux tajjeb għall-użu li għalih kienet maħsuba jew inaqqsu daqshekk il-valur tagħha li x-xerrej ma kienx jixtriha jew kien joffri prezz iżgħar, li kieku kien jaf b'tali difetti.

F'tali każ, kif jiddisponi l-artikolu 1427, ix-xerrej jista', permezz tal-*actio redhibitoria*, jagħżel li jagħti lura l-ħaġa u jitlob lill-

Qorti tikkundanna lill-bejjiegħ jirrifondi lura l-prezz li huwa jkun ħallas għall-ħaġa mibjugħa.  Ir-rekwiżiti sabiex tirnexxi din l-azzjoni huma (i) li l-vizzju jkun okkult fil-mument tal-bejgħ b'tali mod li x-xerrej ma setax jinduna bih; (ii) li n-natura tal-vizzju riskontrat ikun tali li tnaqqas il-valur tal-oġġett mibjugħ jew li jirrendih mhux tajjeb għall-użu li għalih kien maħsub.

Mill-provi prodotti jirriżulta li s-soċjetà attriċi kienet tiġġestixxi restaurant bl-isem ta' 'West-End'.  Qabel ma beda jopera dan ir-restaurant, Anthony Briffa għan-nom tas-soċjetà attriċi xtara mingħand is-soċjetà konvenuta żewgt ifran tal-pizza tat-tip '*Tunnel Stone Oven*' tad-ditta taljana *Italforni* u aċċessorji oħra.  Dan wara li Anthony Pace għan-nom tas-soċjetà konvenuta kien ħa lil Briffa ġewwa żewġ stabbilimenti separati li kienu jużaw dan it-tip ta' forn sabiex jurih kif jaħdem.

Ftit wara li bdew jintużaw dawn l-ifran fl-istabbiliment tas-soċjeta attriċi, Anthony Briffa beda jilmenta ma' Anthony Pace li dawn ma kinux qegħdin jaħdmu kif suppost in kwantu li l-pizza li kienu qegħdin isajru fihom l-impjegati tiegħu kienet qiegħda toħroġ jew għadha nejja jew maħruqa u ġieli wkoll l-istess pizza kienet tkun nejja minn naħa u maħruqa minn naħa oħra.  Minkejja diversi interventi da parti ta' Anthony Pace u saħansitra wkoll wara li ġie minn barra konsulent tad-ditta *Italforni*, il-problema baqgħet tippersisti.  Dan kollu wassal sabiex dawn l-ifran spiċċaw ġew sostitwiti bi fran ġodda a spejjeż tas-soċjetà attriċi.  Mill-prezz globali ta' €26,275.06 l-attriċi ħallset biss €13,000, liema ammont qiegħda titlob lura mingħand is-soċjetà konvenuta permezz ta' dawn il-proċeduri.

Anthony Briffa għan-nom tal-attriċi jikkontendi li ż-żewġt ifran li xtara mingħand is-soċjetà konvenuta huma milquta minn difett li ma jidhirx illi jirrendihom mhux tajba għall-użu li għalih inxtraw u dan billi l-pizza li kienet tissajjar fihom ma kinitx toħroġ tajba fis-sens illi jew tibqa' nejja jew tinħaraq, u ġieli wkoll l-istess pizza tkun nofsha nejja u nofsha maħruqa.  Fir-rikors promotur is-soċjetà attriċi tgħid li l-fatt illi dawn l-ifran kienu kolpiti b'difett moħbi kien konfermat ukoll minn pizzar internazzjonali li huwa espert f'dan il-qasam.  Mill-provi rriżulta li dan l-espert kien Giovanni Melis, li huwa konsulent mad-ditta *Italforni*.  Anthony Briffa jispjega li Anthony Pace, kien mar fl-

istabbiliment '*West End*' kemm il-darba sabiex jara x'inhi l-problema, imma li, minkejja diversi interventi, din baqgħet ma ssolvitx. Iżid jgħid illi waqt li kien qiegħed Malta il-konsulent Giovanni Melis, l-ifran xorta waħda ma kinux qegħdin jaħdmu kif suppost billi mhux kull pizza li kien qiegħed jipprova jsajjar dan il-konsulent kienet qiegħda toħroġ tajba. Sabiex jirribatti l-allegazzjoni li t-taħlita tal-għaġina kienet ħażina, Anthony Briffa jgħid illi darba minnhom kien sajjar pizza fil-forn ta' restaurant ta' ħabib tiegħu u din ħarġet msajra kif suppost. Briffa jsostni li wara li telaq Melis minn Malta, baqgħu bl-istess problemi fl-ifran tant illi kellhom jinbidlu fi fran ġodda ta' ditta differenti. Isostni li dawn l-ifran ġodda ma kienux jagħtu l-istess problemi.

L-attriċi ressqet bħala xhieda diversi eks impjegati tagħha li kienu jaħdmu fir-restaurant in kwistjoni li kkonfermaw illi l-pizza ma kienitx qiegħda ssir tajjeb għaliex jew toħroġ nejja jew maħruqa. Żiedu jgħidu wkoll illi l-problema baqgħet tippersisti waqt u anke wara li telaq minn Malta il-konsulent Giovanni Melis.

Da parti tagħha, is-soċjetà konvenuta tiċħad illi dawn l-ifran huma milquta minn xi difett li ma jidhirx. Anthony Pace jispjega li Briffa kien interessat fi fran tat-tip '*Tunnel Stone*'. Huwa jgħid illi s-soċjetà li jirrappreżenta biegħet tnejn oħra minn dawn it-tip ta' fran hawn Malta imma wara li biegħet l-ifran in kwistjoni lis-soċjetà attriċi, ma biegħetx aktar minnhom. Pace jispjega li kien ħa lil Briffa ġewwa ż-żewġ restaurants l-oħra li kienu jsajru permezz ta' dawn it-tip ta' fran sabiex jurih kif jaħdmu u li Briffa tant kien sodisfatt li ried jixtri fran bħalhom.

Is-soċjetà konvenuta tikkontendi li kienu l-impjegati tas-soċjetà attriċi li ma kienux jafu kif iħadmuhom u li kien għalhekk illi l-pizza ma kinitx qiegħda ssir sew. Dwar il-konsulent Giovanni Melis, is-soċjetà konvenuta tgħid illi mhux talli ma sab l-ebda difett fl-ifran in kwistjoni, imma talli ħejja rapport dwar l-ispezzjoni li għamel fl-istabbiliment tas-soċjetà attriċi fejn spjega x'kienu d-diversi nuqqasijiet tal-impjegati fit-tħaddim ta' dawn il-fran kif ukoll fl-ambjent fejn kienu qegħdin jitħaddmu l-fran, liema ċirkostanzi, skont dan il-konsulent,

kienu l-kawża tal-fatt illi l-pizza li kienu jsajru fihom l-impjegati ta' West End ma kinitx qiegħda ssir sew. Kopja ta' dan ir-rapport ġie anness mar-risposta ġuramentata tas-soċjetà konvenuta.

Peress illi s-soċjetà attriċi rrifjutat li tħallas il-bilanċ rimanenti għall-akkwist ta' dawn l-ifran, is-soċjetà konvenuta ressqet kontrotalba li permezz tagħha qiegħda titlob lill-Qorti tikkundanna lill-attriċi tħallas il-bilanċ rimanenti ta' €13,275.06. Is-soċjetà attriċi wieġbet għal din il-kontrotalba billi qalet illi l-ammont reklamat mhuwiex dovut u li oltre minn hekk, is-soċjetà konvenuta għandha tirrifondi l-ammont imħallas in kwantu li l-fran huma milquta minn difett li ma jidhirx.

In linea ta' prinċipju ġenerali, din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Helen Micallef vs Godfrey Debattista tas-27 ta' Ottubru 2005 qalet hekk dwar din ix-xorta ta' azzjoni:

> "*Illi l-elementi tal-azzjoni sussidjarja rexissorja magħżula mill-attriċi jikkonsistu (a) f'bejgħ format ta' ħaġa milquta b'difett li jkun (b) gravi u serju, li (ċ) jkun mistur, u (d) li jkun diġa' jeżisti fil-waqt tal-bejgħ. Biex jista' jingħad li d-difett ikun serju, irid jew ikun tali li, minħabba fih, il-ħaġa mixtrija ma tibqax aktar tajba għall-għan li għalih inxtrat (dan jissejjaħ difett gravi oġġettiv), jew inkella d-difett ikun tali li, kieku x-xerrej kien jaf bih, ma kienx iħallas għall-ħaġa daqskemm fil-fatt ikun ħallas biex kisibha (dan jissejjaħ difett gravi suġġettiv). X'aktarx li għall-finijiet tal-azzjoni redibitorja, id-difett irid ikun oġġettivament serju. Difett ikun moħbi meta xerrej ta' dehen ordinarju li jagħmel eżami għaqli tal-ħaġa mixtrija bil-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja, ma jkunx jew ma kienx f'qagħda li jista' jintebaħ bih fil-waqt tax-xiri. Iżda jekk difett ikun wieħed li jista' jidher jekk isir eżami xieraq, ma jibqax aktar difett mistur, ukoll jekk, mad-daqqa t'għajn, ma jkunx jidher. B'mod partikolari, xerrej ma jistax jilgħabha tal-injorant fit-teknika jew fil-kumplessita' tal-ħaġa mixtrija biex jeħles mill-obbligu li jifli b'għaqal il-ħaġa minnu miksuba. Kemm hu hekk, jekk xerrej m'għandux il-ħila li jifli sewwa l-ħaġa*

*mixtrija, għandu jdur għall-għajnuna ta' persuna midla jew imħarrġa f'dak l-oġġett."*

Il-Qorti tal-Kummerċ fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Perit Cavaliere Emmanuele Borg vs Carmelo Petroni et tat-30 ta' Lulju 1953 qalet hekk dwar xi jfisser 'difett' għall-finijiet ta' din l-azzjoni:

*"In-nozzjoni teknika fondamentali ta' dak li għandu jiftiehem b'vizzju jew difett tal-ħaġa mibjugħa mhix ħaġa li tista' tiġi faċilment stabbilita. Il-kriterju traċċjat minn* ***Tartufari*** *hu fis-sens li jiġi rigwardat l-istat u kundizzjoni objettiva tal-ħaġa individwalment kunsidrata mingħajr konfront ma' ħwejjeġ oħra, għalkemm tal-istess speċi. Għal kull ħaġa, tkun xi tkun l-ispeċi u l-kwalita`, hemm ċertu mod kif tkun dik il-ħaġa li jirrapreżenta l-istat u kondizzjoni normali b'mod li minnu tiddependi l-attitudni tagħha għall-użu li għalih skond in-natura tagħha hija destinata, jew li l-partijiet kellhom f'moħħom fil-konklużjoni tal-kuntratt. Kull devjazzjoni li tinsab fil-ħaġa minn dak "il modo di essere" ordinarju u normali tagħha, tagħmilha vizzjuża u difettuża; u għalhekk b'vizzju jew diffett għandu appuntu wieħed jifhem kull anormalita` jew imperfezzjoni, u kull gwast jew avarija, li tiġi riskontrata fil-ħaġa, u li, aktar jew anqas, tneħħilha l-attitudni għall-użu jew il-bonta` u l-integrita` tagħha...Fuq dan il-punt jaqbel* ***Vivante*** *li jgħid:- 'I vizi sono inerenti al modo imperfetto con cui la merce fu fabbricata...il vizio e' un guasto o deperimento della merce, fuori del suo stato normale" (Trattato di Diritto Commerciale, Vol. IV no. 1654). F'dan l-istess sens esprimiet ruħha l-ġurisprudenza, kif jirriżulta mid-deċiżjonijiet tat-Tribunali Taljani riportati fir-"Raccolta delle Giurisprudenza sul Codice Civile" (Vol. VIII, paġ. 555, no. 82):- "Il vizio o difetto redibitorio...consiste in una alterazione, un'anomalia, un guasto, un deterioramento, una manchevolezza delle cosa, che alla qualita` stess tolga l'efficacia"."*

Fir-rapport tiegħu anness mar-risposta ġuramentata tas-soċjetà konvenuta, il-konsulent Giovanni Melis jispjega r-raġunijiet għalfejn, skont hu, l-ifran in kwistjoni ma kienux

qegħdin jagħtu r-riżultat mixtieq. Huwa jibda billi jispjega li id-dqiq li kien qiegħed jintuża ma kienx tajjeb għall-għaġina tal-pizza u li l-ammont ta' żejt li kien qiegħed jintuża kien sitt darbiet aktar minn dak rakkomandat. Dan, skont hu, ifisser li l-għaġina ma ssirx b'mod uniformi. Huwa jikkumenta wkoll dwar dak li qalulu l-impjegati stess dwar l-ammont ta' ħmira li kienet qiegħda tintuża u li dan ukoll kellu impatt negattiv fuq it-tisjir tal-għaġina. Jgħid li r-riċetta kienet aktar tixxiebaħ ma' għaġina tal-ħobż milli ma' għaġina tal-pizza.

Fir-rigward tal-mod kif kienu jaħdmu l-impjegati, Melis jispjega li huwa osserva li impjegati differenti kienu qegħdin jużaw metodi differenti sabiex jiftħu l-għaġina tal-pizza fis-sens illi kien hemm min qiegħed juża idejh waqt li kien hemm min qiegħed juża għodda apposta u allura dan ifisser illi ż-żewġ metodi differenti kienu ser iwasslu għal riżultati differenti.

Melis jgħid illi sab ukoll li t-temperatura tal-ifran ma kienitx adegwata għat-tisjir tal-pizza. Iżid jgħid li l-pizza ma kienitx qiegħda titqiegħed tajjeb fil-forn u li dan il-fattur ukoll kien qiegħed jikkontribwixxi għall-fatt illi l-pizza ma ssirx indaqs minn kullimkien.

Fir-rigward tal-mod kif kienu posizzjonati l-ifran fil-kċina, Melis sab illi kienu soġġetti għal kurrent tal-arja kull darba li jinfetaħ il-bieb jew it-twieqi tal-kċina bir-riżultat li l-ifran kienu qed ikunu soġġetti għall-arja kiesħa li tirriduċi t-temperatura tagħhom u t-tisjir tal-għaġina li tkun fihom. Huwa nnota wkoll li l-ifran kienu taħt *extractor* li xogħlu huwa li jiġbed l-arja. Dan ukoll kien qiegħed jikkontribwixxi għall-varjazzjoni fit-temperatura tal-fran.

Il-konklużjoni ta' dan il-konsulent kienet illi l-impjegati għandhom jingħataw taħriġ aħjar, kif ukoll li għandha ssir purtiera fil-bieb tal-kċina sabiex timminimizza l-effett tal-arja kiesħa li tidħol minn barra.

Giovanni Melis xehed viva voce quddiem l-assistent ġudizzjaru fil-mori ta' dawn il-proċeduri fejn ikkonferma dak kollu li qal fir-rapport tiegħu. Ix-xhud żied jgħid illi ma sab l-ebda difett fl-ifran tant li fl-aħħar ġurnata tiegħu fl-istabbiliment tas-soċjetà

attriċi huwa kien sajjar pizza f'wieħed minnhom u li din kienet ħarġet tajba. Għalih il-problema kienet diffiċli li tissolva minħabba d-diffikultajiet kollha msemmija minnu.

Din il-Qorti, wara li fliet bir-reqqa l-provi kollha prodotti, issib illi hija moralment konvinta li l-fran in kwistjoni ma kienux milquta minn ebda difett moħbi imma li l-problema kienet ikkawżata min-nuqqas ta' tahriġ tal-impjegati tas-soċjetà attriċi dwar kif jaħdmu dawn il-fran, ir-riċetta tal-għaġina użata kif ukoll l-ambjent illi fih kienu jitħadmu l-imsemmija fran.

Mill-provi rriżulta li mhux talli Anthony Briffa ma kellu l-ebda esperjenza dwar kif jaħdmu dawn il-fran, talli huwa lanqas kien esperjenzat fil-qasam tal-*catering* b'dan illi qabel ma fetaħ dan ir-restaurant huwa kellu negozju f'qasam kompletament differenti. L-istess jista' jingħad għar-*restaurant manager* inkarigat minnu li jispjega li l-uniku taħriġ li rċieva dwar it-tħaddim ta' dawn l-ifran kien billi qara l-materjal promozzjonali li kellu għad-disposizzjoni tiegħu u ra xi *videos online*. Briffa jgħid illi kien mar l-Italja sabiex jitħarreġ dwar il-pizza. Madanakollu ma jirriżultax li ngħata taħriġ dwar dan it-tip ta' forn. Huwa żied jgħid li f'wieħed mir-restaurants li kien ħadu Pace qabel xtara l-fran in kwistjoni, huwa kien ra li l-impjegati kien qiegħed ikollhom l-istess problema. Madanakollu, b'daqshekk ma jfissirx illi l-ifran tiegħu kienu milquta minn difett. Pjuttost din hija indikazzjoni ċara li dan it-tip ta' forn jeħtieġ li jitħaddem minn persuni mħarrġa speċifikament fl-użu tiegħu.

Minkejja li jidher li wħud mill-impjegati kienu esperjenzati fis-settur, kollha jammettu li qatt ma ħadmu fuq dan it-tip ta' forn. Briffa jikkonferma li lill-impjegati tiegħu ma tahom l-ebda tahriġ dwar kif jaħdmu dawn il-fran. Lanqas ma tressqu bħala xhieda l-pizzara li allegatament kienu impjegati fl-istabbiliment *de quo*.

B'żieda ma dan kollu, din il-Qorti ssibha inverosimili fiċ-ċirkostanzi tal-każ illi kienu ż-żewġt ifran li kienu milquta minn difett. Is-soċjetà attriċi ma ressqet l-ebda prova teknika dwar l-allegat d-difett moħbi fl-oġġetti mixtrija. L-espert tekniku li ssir referenza għalih fir-rikors promotur, mhux talli ma sab l-

ebda difett, talli jispjega kif il-problema kienet riżultat ta' diversi fatturi differenti fil-metodu ta' tisjir u fl-ambjent tal-kċina.

Kif tajjeb jgħid Anthony Pace, huwa inutli li Briffa jinsisti li r-riċetta tal-għaġina kienet tajba għaliex meta prova jsajjar waħda fil-forn ta' sieħbu l-għaġina ħarġet tajba. Il-forn li ntuża għal dan l-esperiment ma kienx jaħdem bl-istess mod li bih jaħdmu l-fran mertu ta' din il-kawża u allura ma jiswa xejn li dik id-darba l-pizza ħarġet tajba.

Fil-fehma tal-Qorti, il-problemi baqgħu jippersistu wara l-ispezzjoni tal-konsulent Giovanni Melis proprju għaliex is-soċjetà attriċi ma implimentat l-ebda suġġeriment tiegħu, b'dan illi naturalment il-fran ma setgħux jipproduċu prodott finali tajjeb għar-raġunijiet spjegati tant tajjeb minn l-imsemmi konsulent.

In kwantu li din il-Qorti qiegħda ssib illi l-ifran in kwistjoni ma kienu milquta minn l-ebda difett moħbi, isegwi għalhekk illi ma hemm l-ebda raġuni għalfejn it-talbiet rikonvenzjonali tas-soċjetà konvenuta m'għandhomx jiġu milqugħa.

Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawza billi tiċħad it-talbiet attriċi, tiddeciedi l-kontro-talba billi tilqa' t-talbiet tas-socjetà konvenuta u tikkundanna lis-soċjetà attriċi tħallas lis-soċjetà konvenuta s-somma ta' tlettax-il elf, mitejn u ħamsa u sebgħin Ewro u sitt ċenteżmi (€13,275.06) bl-imgħax mill-1 ta' Marzu 2013.

Spejjeż tal-kawża ewlenija kif ukoll tal-kontrotalba jitħallsu mis-soċjetà attriċi.

IMHALLEF

DEP/REG